# *L-Arġentier Bormliż*
# Francis Cassar
## *(Ċikku ta' Xandru)*

**Kitba tal-Kan. Jos. Bonello**



F'Bormla kien hawn għadd sabiħ ta' arġentiera famużi. Fosthom **Carmelo Bonello** f'*Bormla Wharf*, **Paolo Pace** magħruf bħala **"Ta' Babusu"** u oħrajn. Wieħed minn dawn l-ulied denji ta' Bormla kien l-arġentier **Francis Cassar** magħruf bħala "Ċikku ta' Xandru".

### Il-Familja Cassar

**L-Arġentier Xandru Cassar** u martu **Concetta Camilleri** kellhom tmien ulied, Carmela, Luigia, Esther, Giovanni, Ġużeppi, Anġeliku, Ċikku u Romeo li miet fl-età żgħira ta' tmien xhur. Ġużeppi li twieled fis-16 ta' Marzu, 1899, sar qassis fl-20 ta' Diċembru 1924 u bejn l-1963 u l-1968 kien l-Arċipriet ta' Bormla. Carmela hija omm il-Kanonku Anton Cachia li miet fis-6 ta' April 2005. L-iżgħar wieħed fost l-ulied ħajjin ta' Xandru hu Francis (Ċikku) li twieled f'Bormla fis-17 ta' Marzu 1903 u sar arġentier bħal missieru, magħruf popolarment bħala **"Ċikku ta' Xandru"**.

### Ħa s-sengħa ta' Missieru

Xandru kien arġentier tajjeb tant li kellu diversi lavranti jaħdmu miegħu għax kellu ħafna xogħol. Ibnu Francis kien sfortunat li tilef lil ommu meta kellu biss sena u missieru stinka kemm felaħ biex rabba l-familja. Ix-xewqa ta' Xandru kienet li xi ħadd minn uliedu jitgħallem is-sengħa tiegħu u jsir arġentier bħalu. L-għażla waqgħet fuq Francis, l-iben iż-żgħir u għalhekk missieru, barra li tah ċerti struzzjonijiet, bagħtu jitgħallem għand arġentier Bormliż ieħor Paolo Pace, magħruf bħala "Babusu" fil-ħanut tiegħu Nru.60, Triq Sta. Tereża, fit-telgħa għall-knisja (illum Triq il-Pellegrinaġġ).

### L-aħħar Gwerra ta' l-1939 – 1945

**Fl-1927 Francis iżżewweġ lit-tfalja Preziosa Bonnici**, it-tifla ta' Lonza l-Majjistra, u mar joqgħod f'Nru. 26 Sqaq Srejdek viċin il-ħanut tiegħu ta' arġentier.

Kellu erba' ulied, tliet subien u tifla. Meta bdiet il-gwerra (1930 – 1945), il-familja Cassar marret f'Ħal Qormi Nru. 201, *High Street* fejn Francis baqa' jaħdem il-mestier tiegħu ta' arġentier, fejn kellu ħafna xogħol ta' arġenterija. Ħadem il-fjokk għal-lampier



*Il-Ventartal tal-Mensola.*

*(taħt) Il-gwarnic tas-sotto kwadru ta' San Ġużepp.*



ta' l-artal maġġur tal-knisja parrokkjali ta' Bormla u għamel ukoll **it-tindif ta' l-istatwa tal-Kunċizzjoni** ta' Bormla li fil-gwerra kienet fil-parroċċa ta' Birkirkara. Dan it-tindif sar ftit qabel ma' l-vara nġiebet lura Bormla minn Birkirkara b'pellegrinaġġ famuż fid-19 ta' Novembru 1944.

## Wara l-Gwerra

Meta spiċċat il-gwerra, Ċikku reġa' fetaħ il-ħanut li kellu f'Bormla li ma kienx iġġarraf waqt l-attakki ta' l-għadu. Tnejn minn uliedu, **Joe** u **Salvu**, ngħaqdu miegħu fix-xogħol ta' arġenterija. Kellhom ħafna xogħol, tant li f'ħafna knejjes ta' Malta u Għawdex issib xogħol minn tagħhom.

**Ċikku miet fl-età żgħira ta' 54 sena**. Bil-mewt ta' l-arġentier Bormliż Ċikku Cassar, Bormla u Malta tilfu wieħed mill-aqwa arġentiera ta' fama. Uliedu **Joe** u **Salvu** komplew bħal missierhom bix-xogħol ta' arġenterija. Huma bħal missierhom komplew jiddekoraw bl-isbaħ xogħlijiet il-knejjes ta' Malta u Għawdex. Joe għadu jaħdem ta' argentier sal-lum u Salvu emigra lejn il-Kanada fejn mal-kumpanija *Oneida Silversmiths* mhux possibli nsemmu x-xogħlijiet kollha li ħarġu minn idejn il-familja Cassar.



*San Piju X.*

## Xogħlijiet tal-Familja Cassar f'Bormla

L-aqwa xogħol għal Bormla huwa l-**ventartal tal-mensola ta' fuq il-presbiterju**, disinn tas-Surmast Ġużeppi Caruana, magħruf "Ta' Marċiol". Għall-**artal ta' San Ġużepp** ħadem il-gwarnic tas-sotto-kwadru ta' San Ġużepp u 4 važuni u tnejn għall-artal ta' Sta. Katarina. Għamel il-**faċċata tal-maġġur tal-Kurċifiss**, saru wkoll il-f**aċċata ta' San Piju X, il-gwarnic**, il-važuni u l-gastri u 2 kuruni tal-fidda regalati

minn benefatturi, wahda mill-*Labour Party* u l-oħra mill-Azzjoni Kattolika. Saru 6 kandlieri tal-fidda żgħar sbieħ ferm, għat-Translazzjoni u diversi missali.

## Xogħlijiet oħra

Għall-parroċċa ta' l-**Isla**, ħadmu 7 gandlieri ta' l-artal tad-Duluri, 13-il gandlier żgħar għall-artal maġġur, 12-il lampier għall-kor, gwarniċ għan-niċċa tal-Bambina, diversi missali u xogħol ieħor għall-Oratorju. Għall-**Birgu**, saru lampier tal-maġġur, u missali għall-artali fil-knisja ta' San Lawrenz, u għall-knisja ta' San Duminku sar il-ventartal tad-Duluri. Xogħlijiet oħra huma, għall-**Qrendi**, 4 gastri għall-vara ta' Sta. Marija; għall-**Imqabba**, 4 gastri oħra; għar-**Rabat**, San Pawl, il-faċċata tat-Tabernaklu; u **Ta' Ġieżu** missali u xi gandlieri. Saru opri ta' valur artistiku mill-aqwa, fosthom il-famuża sfiera ta' Birżebbuġa, disinn ta' Sciortino, li kienet ħadet l-ewwel f'konkors ta' l-arti li sar fl-Ewropa.

## Opri oħra f'Għawdex

Naghtu lista ta' xogħlijiet mill-opri f'Għawdex tal-Familja Cassar. Għas-**Santwarju ta' Pinu**, 12-il lampier, għall-**Qala**, 2 lanterni u salib għall-Frantellanza; għall-**Munxar**, lampier tal-maġġur; għal **Kerċem**, lampier ukoll għall-maġġur, għamel il-**kuruna tal-Kunċizzjoni tal-Qala** u diversi xogħlijiet għall-parroċċa tax-**Xagħra**. Ma' dawn ħadmu diversi kalċijiet, pissidi u slaleb tal-Kanonċi, fosthom 5 ta' l-Isqfijiet ta' Malta, kollha 18-il karat. Il-kalċi tal-Kanonku Dun Ġużepp Zammit ta' barra huwa wkoll xogħol ta' Ċikku Cassar.


WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!

MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES

WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE



FABRIC GALLERY BIBAS

YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT OUR NEW CONCEPT STORE
HOMPESCH ROAD, FGURA. TEL: 2169 1269